MINISTERU
TA' L-EDUKAZZJONI

MINISTRY
OF EDUCATION

MALTA

**MOEDPR 061/01**

**Press Handout** **26/05/01**

# Lejn Soċjeta' li Tibqa' Titgħallem
# Laqgħa ta' Tagħrif u Konsultazzjoni

Tnieda proċess ta' Konsultazzjoni Nazzjonali bit-tema - 'Lejn Soċjeta' li Tibqa' Titgħallem' (*Towards a Learning Society*). Proċess li kull Stat membru ta' l-Unjoni Ewropeja kif ukoll kull Stat applikant għas-sħubija qiegħed iniedi biex jiżviluppa pjan strateġiku nazzjonali. Fi żmien sentejn, se titħejja strateġija Ewropeja f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Memorandum dwar din it-tema li qed jitqassam u jitfisser waqt din l-ewwel laqgħa nazzjonali ta' konsultazzjoni li għaliha ġew mistiedna firxa wiesgħa ta' *stakeholders*. Dan Kollu kien diskuss dalgħodu waqt seminar organizzat mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni fis-Sala Sir Temi Zammit, l-Universita'. Is-Seminar kien indirizzat mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Louis Galea.

Din il-laqgħa hi biss l-ewwel pass. Waqt il-laqgħa se jkun mfisser u mitħaddet il-kunċett importanti ta' kif kull ċittadin jista', u għandu jibqa' jitgħallem matul ħajtu jew ħajjitha kollha. Se jkun mfisser ukoll dokument dwar din it-tema li se jitqassam waqt din il-laqgħa - dokument li bħalissa qiegħed jinqaleb għall-Malti biex ikun jista' jintuża minn

individwi kif ukoll minn gruppi fuq livell lokali kif ukoll minn organizzazzjonijiet u entitajiet fuq livell distrettwali u nazzjonali. Kopja ta' dan id-dokument bl-Ingliż - Memorandum on Lifelong Learning - tista' tinkiseb mill-website tal-Kummissjoni Ewropea fuq **http://www.europa.eu.int/comm/education/life/memoen.pdf** kif ukoll, fi ftit jiem oħra, minn fuq web-page tad-Dipartiment ta' Istudji Għola u Edukazzjoni għall-Adulti fuq:
http://www.magnet.mt/home/education/index.html.

Waqt il-laqgħa, se jitqassam ukoll kwestjonarju importanti. Ir-riżultati ta' dan il-kwestjonarju se jitqassmu f'laqgħa oħra ta' konsultazzjoni nazzjonali li se ssir fis-16 ta' Ġunju. Mill-ġimgħa d-dieħla, kull min hu interessat li jwieġeb dan il-kwestjonarju jista' jibgħat messaġġ bl-e-mail fuq l-indirizz lifelong.learning@magnet.mt jew jiġbor kopja mill-uffiċċju tal-Customer Care tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, l-Furjana.

Il-pubbliku ġenerali huwa mistiedem, fix-xhur u snin li ġejjin, jieħu sehem attiv billi jesprimi l-aspirazzjonijiet tiegħu u dwar kif dawn l-aspirazzjonijiet jistgħu jiġu milħuqa.

**Diskors tal-Ministru**

F'diskors li għamel il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Louis Galea, waqt il-laqgħa' ta' konsultazzjoni, hu fisser li dan hu mument ieħor importanti fil-politika ta’ l-edukazzjoni f’Malta - politika li se toħloq bidla ta’ mentalita’ u kultura ta’ x’nagħżlu li nitgħallmu, kif nitgħallmuh u kif napplikaw dak li qed nitgħallmu għall-ħajja ta’ kuljum. Id-dibattitu li se jkun hawn fil-pajjiż se joħloq sfidi ġodda għall-istituzzjonijiet edukattivi tagħna - sfidi li jirriflettu il-ħtieġa li tinbena u tikber kultura ta’ istituzzjonijiet li huma stess jitgħallmu biex jinbidlu u jibqgħu relevanti jew inkella jmutu.

Il-Ministru fisser ukoll li Il-Kurrikulu Nazzjonali jirrifletti l-bidla fl-enfasi f’policies ta’ numru kbir ta’ pajjiżi - bidla minn enfasi fuq edukazzjoni tul il-ħajja (enfasi fuq is-sistema edukattiva) lejn enfasi fuq tagħlim tul il-ħajja (lifelong learning - enfasi fuq il-persuna li titgħallem). Waqt il-laqgħa tal-European Council f’Cologne f’Ġunju 1999, l-iStati membri qablu li l-*Lifelong Learning*, għandu jfisser "Kull attivita’ li twassal persuna biex titgħallem, kemm jekk hi attivita’ formali jew informali, mwettqa fuq bażi regolari li twassal għal titjib fl-għerf, ħila u kompetenza ta’ persuna". Din il-politika għandha implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi importanti ħafna.

Il-Ministru qal ukoll li t-twettiq tal-kunċett ta' tagħlim tul il-ħajja jieħu t-tul u jinqasam f'żewġ fażijiet: l-edukazzjoni formali ta' bejn l-eta' ta' 5 u 16-il sena li minnha għandhom joħorġu żgħażagħ kapaċi jibqgħu jitgħallmu. Għal din il-fażi pajjiżna diġa ħejja pjan strateġiku. It-tieni fażi tikkonċerna l-adulti kollha li għandu jkollhom kull opportunita' li jiksbu dak it-tagħlim kollu mixtieq minnhom biex ikomplu jiżviluppaw u jiksbu l-milja ta' ħajjithom.

Il-bidliet li qed iseħħu fil-qasam u s-sistema ta' l-edukazzjoni vokazzjonali u teknologika madwar id-dinja qed jagħmluha possibbli biex żgħażagħ jiksbu kwalifiċi u ħiliet bażiċi għal ġejjieni, xogħol u tagħlim. Il-bidliet qed jgħinu lis-sistema edukattiva biex tkun flessibbli biżżejjed biex tagħmilha possibbli li żgħażagħ isegwu u jbiddlu rotot differenti skond iċ-ċirkostanzi u ħtieġa.

Dr. Louis Galea sostna kemm is-sehem ta' l-intrapriżi f'dan il-qasam huwa tremend. F'pajjiżi bħad-Danimarka, per eżempju, intrapriżi qed jaħdmu id f'id ma' entitajiet li joffru edukazzjoni għall-adulti biex joffru taħriġ lill-kategoriji differenti ta' ħaddiema. Fid-Danimarka, l-intrapriżi kienu forza qawwija biex jitwettaq il-kunċett tat-tagħlim tul il-ħajja.

Il-kontribut ta' entitajiet li joffru edukazzjoni ogħla s'issa ma' laħaqx lil kulħadd. Dan għaliex joffru korsijiet għal min għandu ċertu livell ta'

edukazzjoni u kwalifiċi biss. Qed jinħolqu tipi ta' Universitajiet ġodda bħal ma huma Universitajiet Virtwali u Corporate Universities li qed joffru opportunitajiet għall-kategoriji ta' persuni li jixtiequ jibqgħu jitgħallmu bil-pass u bl-istil individwali tagħhom. Qed jinħolqu wkoll ħoloq bejn r-rotot post-sekondarji u vokazzjonali u l-edukazzjoni terzjarja permezz ta' sistemi ta' credit transfers u accreditation of prior learning. Franza, l-Ingilterra, u l-Fillandja għamlu qabżiet kbar f'dan il-qasam.

Il-Ministru qal li l-OECD u l-UNESCO jisħqu bil-kbir fuq s-sehem kruċjali ta' l-għalliema u dawk li jħarrġu (trainers) biex tingħata edukazzjoni ta' kwalita'. Għad hemm vojt kbir fil-qasam tat-taħriġ ta' edukatturi u trainers ta' l-adulti. F'Malta wkoll għandna din id-diffikulta' għaliex fil-biċċa l-kbira, dawk li jgħallmu lill-adulti huma persuni mħarrġa biex jedukaw lit-tfal. Għandna bżonn aktar nies mħarrġa fil-pedagoġija ta' tagħlim ta' l-adulti.

Il-Ministru tenna li għad hawn vojt ukoll f'ħafna pajjiżi f'dak li għandu x'jaqsam mas-sehem ta' l-iskola u l-għalliem fil-komunita'. Malta dalwaqt se naslu biex nibdew nesperimentaw bl-isvilupp ta' l-iskejjel bħala ċentri komunitarji fejn il-membri tal-komunita' jistgħu jirrikorru biex jibqgħu jitgħallmu.

Lejn min irridu nimmiraw? Irridu noqogħdu attenti biex nevitaw is-sitwazzjoni fejn dawk li jibbenefikaw l-aktar mit-taħriġ fuq ix-xogħol huma dawk l-aktar kwalifikati. Irridu nevitaw ukoll is-sitwazzjoni fejn noffru taħriġ qasir u mgħaġġel għal dawk qiegħda (unemployed) biex isibu xogħol malajr meta dak li suppost qed nagħmlu huwa li ngħinu lill-dawk qiegħda biex ifasslu rotot ta' tagħlim li jgħinuhom, bil-pass tagħhom, jiksbu kwalifiċi wkoll.

Irridu niżviluppaw strateġija li biha nibqgħu nimmotivaw persuni 'l fuq minn 40 sena biex jibqgħu jitgħallmu. Noqogħdu attenti biex ma nħeġġux attitudnijiet u egħmejjel kontra ħaddiema ta' eta' matura għaliex inkunu qed niskoraġġixxu kategorija ta' ħaddiema li għandhom sehem kbir x'jagħtu. Għandna nagħmlu minn kollox biex dawn ukoll ma joqogħdux lura mit-tagħlim.

It-teknoloġija ta' l-informatika fetħet triqat usa u dinja ġdida mimlija possibiltajiet u opportunitajiet f'dan il-qasam. Politika favur l-użu ta' l-Information and Communications Technology trid tiżgura li jkun hawn nies mħarrġa biex miżuri ġodda ma jfallux minħabba ta' nuqqas ta' riżorsa umana fl-ICT. Distance learning ibbażata fuq l-użu ta' l-ICT għadha qed tiżviluppa u għad irridu naraw kif tista' tkun applikata għat-tagħlim ta' matul il-ħajja qrib kemm jista' jkun għal kuntest li fih jgħix iċ-ċittadin.

Il-Ministru Louis Galea qal li hawn min jistaqsi: Veru qed ikun hawn *paradigm shift*? IVA. Fit-tmiem tas-snin disgħin bdejna naraw żviluppi kbar fil-kunċett inklussiv u wiesa' ta' lifelong learning. Filwaqt li ftit snin ilu kellna biss ftit elementi bħal xi korsijiet għall-adulti u xi korsijiet vokazzjonali. Illum qed inħarsu lejn firxa kbira ta' interessi, opportunitajiet, metodi ta' tagħlim u aċċessibilta' għal persuni ta' kull eta' matul ħajjithom kollha. Jonqos ħafna xi jsir fil-mod ta' kif jiġu organiżżati l-fażijiet differenti tat-tagħlim f'katina mifruxa matul il-ħajja. Trid tinħoloq infrastruttura koordinata li jkollha appoġġ ta' riċerka.

Il-pajjiżi li kisbu l-akbar avvanzi f'dan il-qasam kienu dawk li (a) ħasbu sew u investew f'sistemi li jassiguraw kwalita' fit-tagħlim, u li (b) qasmu r-responsabbilta' għat-twettiq ta' dan il-kunċett importanti bejn Gvernijiet, min iħaddem, *trade unions*, komunitajiet u individwi. Il-Gvernijiet ma jirrispondux malajr għal ħtieġa ta' bidla fis-sistemi u l-firxa u l-kwalita' ta' servizzi għal min hu żvantaġġjat u vulnerabbli mhumiex adegwati u effettivi. L-akbar kisbiet kienu dawk ta' entitajiet li ddeċidew li jsiru 'entrapriżi li jitgħallmu', li ħolqu proċessi u mekkaniżmi interni, li għamlu bidliet kontinwi possibbli. Trade Unions f'ħafna pajjiżi għadhom qed jippruvaw isibu tarf ta' kif jistgħu jkunu katalisti ta' tagħlim tal-ħaddiema (workers' learning).

Il-Ministru Louis Galea ħeġġeġ lil kulħadd biex flimkien u b'impenn nimbarkaw fuq dan il-vjaġġ mimli sfidi u opportunitajiet li għandu jwassal biex ikollna poplu mill-aktar mgħallem u ppreparat biex jilqa għall isfidi tad-dinja tal-lum u ta' għada.